**200. L-Onor Joe Mizzi jipproponi:**

Illi din il-Kamra:

TINNOTA l-privatizzazzjoni *de facto* tas-sezzjoni tal-gass tal-Enemalta li kien

ġie approvat mill-istess Kamra fil-21 ta' Ottubru 2008;

TFAKKAR li l-Oppożizzjoni kienet ġibdet l-attenzjoni li f'dan il-process ta' privatizzazzjoni twarrab il-ħarsien tad-drittijiet tal-konsumatur, liema aspett huwa soċjalment essenzjali biex jiġu protetti l-interessi tal-familji Maltin u Għawdxin, u għalhekk kienet ivvutat kontra;

TFAKKAR li l-Gvern kien irrisponda għal din il-kritika billi qal li se jagħti l-għajnuna meħtieġa lill-familji biex ma jkunux qed jerfgħu piż li ma jifilħux;

TINNOTA li minn meta din il-Kamra iddiskutiet il-privatizzazzjoni *de facto* tal-qasam tal-gass, il-prezzijiet tal-gass żdiedu b'€9.87 jew 208% fil-każ ta' ċilindri ta' 10 kilogrammi, bi €11.90 jew 220% fil-każ ta' ċilindri ta' 12 -il kilogramm, b'€14.47 jew 215% fil-każ ta' ċilindri ta' 15-il kilogramm, u bi €22.40 jew 186% fil-każ ta' ċilindri ta' 25-il kilogramm;

TITĦASSEB li l-familji ma huma qed jingħataw l-ebda tip ta' għajnuna fuq il-prezz tal-gass, liema għajnuna l-Prim Ministru preżenti kien jiddeskriviha bħala xhieda tar-ruħ soċjali tal-Gvern immexxi minnu;

TFAKKAR li, hekk kif provdut fil-*Budget* għas-sena 2011, il-Gvern ma huwa se jagħti l-ebda Benefiċċju tal-Enerġija, u saħansitra naqqas l-ammont ivvutat għal *voucher* tal-enerġija;

TQIS li f'dan il-qasam ukoll qed titkompla t-tendenza li jkun hemm ħafna privatizzazzjoni, anqas liberalizzazzjoni, u ftit li xejn kompetizzjoni li minnha jgawdu l-konsumaturi;

TIKKUNSIDRA li skont il-linji gwida tal-Awtorità Maltija għar-Riżorsi bħala regolatur ippubblikati f'Ġunju 2010, il-bidliet fil-prezz tal-gass huma bbażati fuq irkuprar tal-ispejjeż (*full cost recovery*) flimkien ma' rata aċċettabbli ta' irkuprar ta' kapital investit ("*a rate of return on capital employed that allows for a sustained and acceptable fixed asset replacement and upgrade policy*");

TINNOTA li r-rata tar-*Return on Capital Employed* applikat mir-regolatur hija relattivament ogħla minn dik applikata fil-qasam tal-enerġija f'pajjiżi oħra;

TINNOTA li l-prezzijiet tal-kompetitur il-ġdid fis-suq, u għall-ewwel darba tal-operatur li diġà kien qed jopera fis-suq (*incumbent*), huma anqas mil-livell massimu indikat mir-regolatur, li żamm l-istess metodoloġija u mekkaniżmu;

TITĦASSEB li sa meta daħal kompetitur f' dan il-qasam, l-operatur li diġà kien qed jopera fis-suq kien dejjem qed jiffissa l-prezz tiegħu mal-prezz massimu determinat mir-regolatur, u dan il-fatt iqajjem dubji dwar il-mekkaniżmu usat u l-prezz li l-konsumatur ġie mġiegħel iħallas għal bosta xhur;

TINNOTA li dan il-fatt jesponi li l-mekkaniżmu li l-Awtorità ilha tuża ma kien qed jagħti l-ebda inċentiv għal tnaqqis fil-prezz meta kien hemm operatur wieħed, filwaqt li joħroġ ċar li għal xhur sħaħ il-kalkoli tal-Awtorità kienu iżjed inklinati li jiddeterminaw prezz ogħla minn dak ġust għal utilità essenzjali bħal gass fl-interess tal-konsumaturi;

TQIS li kieku għar-regolatur, bl-appoġġ tal-Gvern, il-prezz tal-gass kellu jkun saħansitra ogħla minn dak li ddeċidew awtonomament iż-żewġ operaturi wara li huma stess kkalkulaw il-qliegħ ġust li għandhom jagħmlu;

TITĦASSEB li l-istess metodoloġija u mekkaniżmu, li dwarhom l-Oppożizzjoni ġibdet l-attenzjoni diversi drabi, jintużaw ukoll mill-istess regolatur fil-qasam tal-elettriku, fejn ma teżistix kompetizzjoni u fejn il-familji u negozji Maltin u Għawdxin kellhom iħallsu kontijiet ogħla;

TQIS li dikjarazzjonijiet li saru minn stakeholders differenti f' dan il-qasam, bħal min xtara s-servizz eżistenti, il-kompetitur il-ġdid u distributuri, jindikaw li l-Gvern kien għamel wegħdiet individwali kontrastanti lil dawn kollha;

TINNOTA li ftit wara li reġa' għola l-prezz tal-gass f' Diżembru 2010, uffiċjal għoli tal-operatur li diġà kien qed jopera fis-suq b' pożizzjoni dominanti, kien stqarr pubblikament li l-prezz ta' din l-utilità essenzjali mistenni jorħos wara li l-kumpanija rnexxielha ssib sors ġdid minn fejn tixtri l-prodott;

TITĦASSEB li mhux talli dan ma seħħx, talli tħabbret żjieda oħra fil-prezz tal-gass f' Jannar 2011;

TITĦASSEB li la l-Gvern, la r-regolatur u lanqas l-operaturi konċernati ma rreaġixxew għal rapport li deher fil-mezzi tax-xandir fl-1 ta' Jannar 2011, li l-prezz ta' ċilindru tal-gass ta' 12-il kilogramm se jogħla għal €24 sa tmiem din is-sena;

TITĦASSEB li n-nuqqas ta' stabilità fil-prezz tal-gass qed iwassal għal problemi ta' *budgeting* għal familji u negozji, kif ukoll jista' jwassal għal prattiċi ta' ħażna li mhumiex siguri;

TITĦASSEB li ż-żidiet fil-prezzijiet ta' dawn l-utilitajiet essenzjali għandhom effett dirett u indirett fuq l-għoli tal-ħajja, kemm minħabba l-prezz ogħla li l-konsumaturi jridu jħallsu għalihom kif ukoll minħabba ż-żjieda fl-ispejjeż għan-negozji;

TITĦASSEB dwar il-passività tal-Gvern li ntweriet mill-fatt li l-Gvern, li suppost isegwi mill-viċin l-iżviluppi f'dan il-qasam, ma talabx hu li minn qabel jitlaqqa' l-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali biex jiddiskuti mal-imsieħba soċjali dawn l-iżviluppi inkwetanti, u jilqa' għalihom;

TIKKUNDANNA l-fatt li l-Awtorità Maltija għar-Riżorsi, bħala regolatur ta' dan il-qasam, qed tkun ineffettiva, fost oħrajn minħabba li mhux qed teżiġi trasparenza fil-prezz tal-gass, u saħansitra iffissat prezz massimu ogħla minn dak determinat mill-operaturi wara li kkalkulaw qliegħ ġust għalihom innifishom;

TIKKUNDANNA l-ineffiċjenza tal-Gvern f'dan kollu, fejn ħalla din is-sitwazzjoni tiżviluppa mingħajr regolatur sod u fl-assenza totali tal-Istat li r-rwol tiegħu għandu jkun li jara li jiffunzjonaw il-mekkaniżmi tal-kompetizzjoni, u li dawn ikunu ġusti mall-operaturi u fuq kollox favur il-konsumatur;

Għalhekk, din il-Kamra:

TESIĠI li l-Awtorità Maltija għar-Riżorsi tippubblika r-rapporti u l-*workings* kollha tagħha, inkluż l-figuri varjabbli u s-sorsi tagħhom, fir-rigward tal-approvazzjoni li qed tagħti għal bidliet fil-prezz tal-gass, kemm dawk passati kif ukoll tibda tagħmel hekk bħala prassi regolari;

TESIĠI li l-Awtorità Maltija għar-Riżorsi tirrevedi l-metodoloġija u l-mekkaniżmu li tuża b' mod li jkunu aktar realistiċi u li, filwaqt li jkunu ġusti mall-operaturi, jiddefendu aktar l-interessi tal-konsumaturi, u jiddeterminaw prezz ġust;

TESIĠI li l-Gvern, flimkien mal-i*stakeholders* kollha, jibda diskussjonijiet bil-għan li jinstab metodu li jdaħħal aktar stabbiltà fil-prezz tal-utilità essenzjali tal-gass b'mod li tiffaċilita l-*budgeting* għal familji u negozji u tnaqqas il-perikli ta' prattiċi ta' ħażna li mhumiex siguri;

TESIĠI li l-Gvern, la darba sab flus biex jagħti paga doppja lill-Prim Ministru, Ministri u Segretarji Parlamentari, jagħti Benefiċċju tal-Enerġija li jkopri ż-żjieda fil-prezz tal-utilitajiet, lil familji Maltin u Għawdxin;

TIPPROPONI t-twaqqif b'urġenza ta' Kumitat Magħżul Parlamentari, ippresedut mill-President ta' din il-Kamra u bi tliet (3) membri minn kull naħa tal-Kamra, li isimhom jiġi komunikat lill-President tal-Kamra fi żmien ġimgħa mill-approvazzjoni ta' din il-Mozzjoni, sabiex jinvestiga l-materja kollha f'*hearings* apposta, bit-tlugħ quddiemu ta' dawk li kienu responsabbli mill-proċess ta' privatizzazzjoni u d-deċiżjonijiet li ttieħdu wara, regolatur u operaturi, flimkien max-xhieda kollha li jidhirlu xierqa, sabiex jiġi investigat dak li jinsab għaddej f'din il-kwistjoni nazzjonali, u jirrapporta lil din il-Kamra fi żmien tliet (3) xhur mill-approvazzjoni ta' din il-Mozzjoni.

04.01.11

**Il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment ressaq din l-emenda 'A' (*carried*):**

Ħassar il-kliem kollu minn "TINNOTA…" fl-ewwel paragrafu sa "…approvazzjoni ta' din il-Mozzjoni" fl-aħħar paragrafu, u minflok daħħal dan li ġej:

"Din il-Kamra tinnota ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija fuq livell internazzjonali, u l-impatt li dawn qed iħallu fuq Malta billi pajjiżna jimporta l-fjuwils kollha;

Din il-Kamra taqbel li, fejn mhux meħtieġ il-Gvern m'għandux ikun operatur ekonomiku u wisq anqas f'kuntest ta' monopolju, iżda fejn vijabbli għandu jkompli jimxi fit-triq tal-liberalizzazzjoni u għandu jinċentiva lis-settur privat biex jinvesti u joħloq aktar imjiegi. Madankollu l-Gvern għandu jassumi r-rwol ta' regolatur;

Tinnota li l-operazzjoni u l-faċilità tal-gass, ma setgħetx tibqa' tiġi operata mingħajr investiment sostanzjali f'faċilità ġdida li tirrispetta r-regoli ambjentali u dawk ta' *safety*.

Tinnota l-impenn tal-Gvern li jagħlaq il-faċilità tal-Qajjenza għall-ġid tar-residenti. L-għeluq ta' dan l-impjant ifisser investiment sostanzjali f'impjant ġdid f'sit alternattiv 'il bogħod mir-residenti.

Il-Gvern kien wiegħed lir-residenti ta' Birżebbuġia li l-faċilità tal-Qajjenza, li llum tpoġġi risku għal dawk li jinsabu fil-viċin, għandha tingħalaq illum qabel għada, liema wegħda tista' biss isseħħ jekk isir investiment sostanzjali f'impjant ġdid f'sit alternattiv;

Tinnota li bil-privatizzazzjoni tad-Diviżjoni tal-Gass tal-Korporazzjoni Enemalta, il-Gvern qed jassigura li b'investiment ta' 'l fuq minn €25 miljun minn Liquigas, l-operatur li ħa f'idejh l-operat ta' din id-Diviżjoni, l-għeluq tal-impjant fil-Qajjenza jinsab aktar viċin;

Tinnota li biex jitħares l-interess tal-konsumatur, u biex dan ikun jista' jgawdi mill-aħjar prezzijiet fis-suq, il-Gvern fetaħ dan is-suq għal-liberalizzazzjoni, li jfisser li fis-suq ikunu jistgħu jidħlu operaturi oħrajn li joffru prodotti, servizzi u prezzijiet differenti u kompetittivi lill-konsumatur.

Tinnota li meta l-gass kien taħt il-monopolju tal-Korporazzjoni Enemalta, dan il-prodott kien sussidjat mit-taxxi tal-poplu jew b'żieda fid-dejn tal-Korporazzjoni.

Din il-Kamra taqbel li l-Gvern għandu jżomm mal-wegħda li ma jżidx il-piż tat-taxxi fil-pajjiż, anzi jkompli jaħdem biex inaqqas it-taxxa fuq id-dħul (l-*income tax*), waqt li jnaqqas in-nefqa tal-Gvern u jwassal 'il pajjiż għal stabilità finanzjarja u joħloq aktar xogħol mit-tkabbir ekonomiku. Biex dan ikun possibbli, il-gvern imbarka fi proċess fejn waqaf jissusidja l-ħela u ffoka l-għajnuna tiegħu għal familji li huma fil-bżonn;

Din il-Kamra tinnota li fid-dawl taż-żieda fil-prezzijiet tal-fjuwils, il-Gvern beda jagħti l-Benefiċċju tal-Enerġija bien jgħin lill-familji l-aktar fil-bżonn;

Din il-Kamra tinnota wkoll li f'Lulju tas-sena li għaddiet dan il-benefiċċju żdied biex jirrifletti ż-żidiet fil-prezzijiet tal-gass. Familji fejn hemm tal-anqas persuna waħda li hi anzjana, jew anzjani li jgħixu waħedhom, ingħataw €25 aktar. B'hekk aktar minn 13,000 familja, fejn hemm anzjani, ingħataw €25 aktar. Familji oħra, li wkoll huma intitolati għall-benefiċċju tal-enerġija, ser jingħataw żieda ta' €15. Dan sar biex il-familji li huma verament fil-bżonn ikunu megħjuna jilqgħu għaż-żidiet fil-prezzijiet internazzjonali.

Din il-Kamra tinnota wkoll li biex il-privatizzazzjoni taħdem fl-interessi tal-konsumatur, u li l-prezz li l-konsumatur jintalab iħallas ikun dak li tassew jirrispekkja l-ispejjeż tal-operat, l-Awtorità Maltija għar-Riżorsi, kif ipprovdut mill-Artikolu 4 (1) (i) tal-Att dwar l-Awtorità Maltija għar-Riżorsi (Kapitlu 423), tistabbilixxi l-prezz massimu li jista' jintalab lill-konsumatur, liema prezz jiġi rivedut mill-Awtorità skont ir-realtajiet u l-prezzijiet internazzjonali għal dan il-prodott;

Din il-Kamra tinnota li reċentement daħal it-tieni operatur privat f'dan is-settur li diġà qed ipoġġi pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet għall-benefiċċju tal-konsumatur;

Din il-Kamra tinnota li fil-baġit għal din is-sena, il-Gvern ippreveda li matul din is-sena, minħabba l-irkupru ekonomiku dinji, il-prezzijiet ta' l-enerġija u oqsma oħra se jkollhom pressjoni 'l fuq. Kien għalhekk li dakinhar, il-Gvern kien wiegħed li se jistudja dan il-fenomenu u jirrapporta lill-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, permezz ta' rapport dettaljat dwar l-inflazzjoni fl-ewwel xhur ta' din is-sena, u li jiddiskuti ma' l-

Imsieħba Soċjali dak li meħtieġ isir jekk jirriżulta li l-inflazzjoni tkun ogħla minn dak previst fl-istess baġit għal din is-sena.

Il-Kamra tinnota l-konklużjoni tal-laqgħa tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali ta' nhar is-7 ta' Jannar 2011 u l-pożizzjonijiet li ħadu l-Imsieħba Soċjali u l-Unions, u tħeġġeġ lill-Gvern, lill-Imsieħba Soċjali u lill-Unions biex jibqgħu jaħdmu flimkien f'dan il-Kunsill fl-aħjar interess ta' kulħadd.

**Konklużjoni**

Il-Kamra tinnota li l-Awtorità Maltija għar-Riżorsi hija mwaqqfa bil-liġi bħala regolatur awtonomu mill-Gvern, li hija inkargita biex tistabbilixxi l-prezz massimu tal-gass, skont mekkaniżmu realistiku, liema mekkanizmu hu pubbliku u stabbilit, u li jirrifletti l-prezz xieraq li l-konsumatur għandu jintalab iħallas.

Din il-Kamra tinnota li b'riżultat tal-kompetizzjoni, l-operaturi ħarġu bi prezzijiet anqas mill-massimu stabbilit u b'hekk għenu biex titrażżan l-inflazzjoni kawżata minn barra.

Il-Kamra tinnota li, kif spjegat mir-regolatur, il-kompetizzjoni waslet biex l-operaturi jnaqqsu mill-*mark-up* rakkomandat, liema *mark-up* kien gie approvat wara li gie awditjat minn konsulenti esterni.

Għaldaqstant, din il-Kamra qed titlob li l-Awtorità Maltija għar-Riżorsi għandha tagħmel preżentazzjoni lill-Kumitat Soċjali tal-Kamra simili għal dak li l-istess Awtorità ghamlet lill-MCESD, u li fiha tagħti spjega tal-mekkaniżmu usat u ta' kif tasal biex tiddetermina l-prezz massimu li jista' jintalab iħallas il-konsumatur."

16.02.11